REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1243/2014

tal-20 ta' Novembru 2014

li jistabbilixxi regoli skont ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tintbagħat mill-Istati Membri, kif ukoll dwar ir-rekwiżiti tad-data (dejta) u s-sinerġiji bejn sorsi potenzjali tad-dejta

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 107(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew (il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd) (EMFF). Dak ir-Regolament jitlob lill-awtoritajiet ta' ġestjoni biex jistabbilixxu sistema sabiex tirreġistra u taħżen f'forma kompjuterizzata dejta dwar kull operazzjoni meħtieġa għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-verifika, inkluż dejta dwar parteċipanti individwali fl-operazzjonijiet.

(2) L-Anness III tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 ([3]) jelenka d-dejta li trid tiġi rreġistrata u maħżuna f'forma kompjuterizzata għal kull operazzjoni fis-sistema ta' monitoraġġ stabbilita minn kull Stat Membru.

(3) Regoli addizzjonali dwar reġistrazzjoni u trażmissjoni tad-dejta huma meħtieġa għall-funzjonament tas-sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni komuni prevista mill-Artikolu 107 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014. Skont l-Artikolu 107(3) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, dawk ir-regoli għandhom jispeċifikaw l-informazzjoni li għandha tintbagħat mill-Istati Membri, filwaqt li jfittxu l-ikbar sinerġiji ma' sorsi potenzjali ta' dejta oħra bħalma huma l-lista tad-dejta li għandha tiġi rreġistrata u maħżuna kif meħtieġ mir-Regolament (UE) Nru 1303/2014.

(4) Sabiex il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu jistgħu jiġu applikati mingħajr dewmien, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar l-informazzjoni li għandha tintbagħat lill-Kummissjoni mill-Istati Membri sabiex jippermettu l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-operazzjonijiet iffinanzjati bil-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd ("FEMS") taħt ġestjoni kondiviża.

([1]) ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

([3]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 tat-3 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (ĠU L 138, 13.5.2014, p. 5).

Artikolu 2

Lista tad-dejta u l-istruttura tal-bażi ta' dejta

1. Fil-bażi ta' dejta tiegħu, kull Stat Membru għandu jirreġistra kif imsemmi fl-Artikolu 125(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u għandu jipprovdi lill-Kummissjoni lista tad-dejta li jkun fiha l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 107(3) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u li hi konformi mal-istruttura stabbilita fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. Il-lista tad-dejta għandha tiġi rreġistrata u pprovduta lill-Kummissjoni għal kull operazzjoni magħżula għal finanzjament bil-programm operazzjonali appoġġat mill-FEMS.

Artikolu 3

Id-dħul ta' informazzjoni fil-bażi ta' dejta

Id-dejta msemmija fl-Artikolu 2 għandha tiddaħħal fil-bażi ta' dejta f'dawn iż-żewġ stadji li ġejjin:

(a) fil-ħin tal-approvazzjoni ta' operazzjoni,

(b) meta operazzjoni titlesta,

Artikolu 4

Dejta dwar l-implimentazzjoni tal-operazzjoni

L-informazzjoni msemmija fil-Parti D tal-Anness I (Dejta dwar l-implimentazzjoni tal-operazzjoni) għandha tkun ibbażata fuq l-oqsma (entrati) deskritti fl-Anness II.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Novembru 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

STRUTTURA TAL-BAŻI TA' DEJTA

PARTI A

Informazzjoni amministrativa

Qasam (entrata)	Kontenut tal-entrata	Deskrizzjoni	Ħtiġijiet tad-dejta u sinerġiji
1	CCI	Kodiċi Komuni ta' Identifikazzjoni tal-programm operazzjonali	Entrata tad-dejta 19 tal-Anness III tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 ([1])
2	Identifikatur Uniku tal-Operazzjoni (ID)	Meħtieġ għall-operazzjonijiet kollha appoġġati mill-Fond	Entrata tad-dejta 5 tal-Anness III tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014
3	Isem l-operazzjoni	Jekk disponibbli u jekk it-t 2 hija numru	Entrata tad-dejta 5 tal-Anness III tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014
4	In-numru tal-bastiment "In-numru tar-Reġistru tal-Flotta tal-Komunità" (CFR ([2]))	Fejn rilevanti.	Speċifiku għall-FEMS
5	Kodiċi NUTS ([3])	Qiegħed l-aktar livell NUTS rilevanti (awtomatikament = livell III)	Speċifiku għall-FEMS
6	Benefiċjarju	Isem il-benefiċjarju (entitajiet legali u persuni fiżiċi biss skont il-liġi nazzjonali)	Entrata tad-dejta 1 tal-Anness III tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014
7	Tip ta' benefiċjarju	Fejn rilevanti (valur possibbli: 1: raġel, 2: mara, 3: ieħor)	Speċifiku għall-FEMS
8	Daqs tal-intrapriża	Fejn rilevanti ([4]) (valuri possibbli: 1: mikro, 2: żgħira, 3: ta' daqs medju, 4: kbira)	Speċifiku għall-FEMS
9	Stat tal-progress tal-operazzjoni	ċifra waħda: kodiċi 0 = operazzjoni koperta b'deċiżjoni li tagħti l-għajnuna iżda li għaliha l-ebda nefqa ma ġiet iċċertifikata lill-Kummissjoni kodiċi 1 = operazzjoni interrotta wara implimentazzjoni parzjali (li għaliha xi nefqa ġiet iċċertifikata lill-Kummissjoni)	Speċifiku għall-FEMS

Qasam (entrata)	Kontenut tal-entrata	Deskrizzjoni	Ħtiġijiet tad-dejta u sinerġiji
		kodiċi 2 = operazzjoni abbandunata wara implimentazzjoni parzjali (li għaliha xi nefqa ġiet iċċertifikata lill-Kummissjoni) kodiċi 3 = operazzjoni kompluta (li għaliha n-nefqiet kollha ġew iċċertifikati lill-Kummissjoni)	

(1) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 tat-3 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (ĠU L 138, 13.5.2014, p. 5).

(2) L-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 26/2004 tat-30 ta' Diċembru 2003 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 25).

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

(4) Skont l-Artikolu 2(28) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320) għall-SMEs.

PARTI B

Tbassir tan-nefqa (Fil-munita applikabbli għall-operazzjoni)

Qasam (entrata)	Kontenut tal-entrata	Deskrizzjoni	Rekwiżiti tad-dejta u sinerġiji
10	Spiża eliġibbli totali	L-ammont tal-ispiża totali eliġibbli tal-operazzjoni approvata fid-dokument li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-appoġġ.	Entrata tad-dejta 41 tal-Anness III tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014
11	Spiża pubblika eliġibbli totali	L-ammont tal-ispejjeż totali eliġibbli li jikkostitwixxu nefqa pubblika kif definit fl-Artikolu 2(15) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.	Entrata tad-dejta 42 tal-Anness III tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014
12	Appoġġ mill-FEMS	L-ammont ta' appoġġ pubbliku, kif indikat fid-dokument li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-appoġġ.	Speċifiku għall-FEMS
13	Data tal-approvazzjoni	Data tal-ħruġ tad-dokument li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-appoġġ	Entrata tad-dejta 12 tal-Anness III tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014

PARTI C

Implimentazzjoni finanzjarja tal-operazzjoni (f'EUR)

Qasam (entrata)	Kontenut tal-entrata	Deskrizzjoni	Ħtiġijiet tad-dejta u sinerġiji
14	In-nefqa eliġibbli totali	L-ispiża eliġibbli ddikjarata lill-Kummissjoni stabbilita fuq il-bażi ta' spejjeż realment imġarrba u mħallsa, flimkien ma' kontribuzzjonijiet *in natura* u deprezzament, fejn applikabbli.	Entrata tad-dejta 53 tal-Anness III tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014

Qasam (entrata)	Kontenut tal-entrata	Deskrizzjoni	Ħtiġijiet tad-dejta u sinerġiji
15	In-nefqa pubblika eliġibbli totali	In-nefqa pubblika, kif iddefinit fl-Artikolu 2(15) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 li tikkorrispondi man-nefqa eliġibbli ddikjarata lill-Kummissjoni stabbilita fuq il-bażi tal-ispejjeż fil-fatt irrimborżati u mħallsa, flimkien ma' kontribuzzjonijiet *in natura* u deprezzamenti, fejn applikabbli.	Entrata tad-dejta 54 tal-Anness III tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014
16	Nefqa eliġibbli tal-FEMS	Nefqa tal-FEMS li tikkorrispondi għan-nefqa eliġibbli ddikjarata lill-Kummissjoni	Speċifiku għall-FEMS
17	Data tal-aħħar pagament lill-benefiċjarju		Entrata tad-dejta 45 tal-Anness III tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 (id-data tal-pagament finali biss lill-benefiċjarju)

PARTI D

Data ta' implimentazzjoni tal-operazzjoni

Qasam (entrata)	Kontenut tal-entrata	Kumment	Ħtiġijiet tad-dejta u sinerġiji
18	Miżura kkonċernata	Kodiċi tal-miżura (ara l-Anness II)	Speċifiku għall-FEMS
19	Indikatur tal-output	Valur numeriku	Speċifiku għall-FEMS
20	Dejta dwar l-implimentazzjoni tal-operazzjoni	Ara l-Anness II	Speċifiku għall-FEMS
21	Valur tad-dejta dwar l-implimentazzjoni	Valur numeriku	Speċifiku għall-FEMS

PARTI E

Indikaturi tar-riżultat

Qasam	Kontenut tal-entrata	Kumment	Ħtiġijiet tad-dejta u sinerġiji
22	Indikatur(i) tar-riżultat relatat(i) mal-operazzjoni	Numru tal-kodiċi tal-indikatur tar-riżultat [1]	Speċifiku għall-FEMS
23	Riżultat indikattiv mistenni mill-benefiċjarju	Valur numeriku	Speċifiku għall-FEMS
24	Valur tal-indikatur tar-riżultat ivvalidat wara l-implimentazzjoni	Valur numeriku	Speċifiku għall-FEMS

[1] Stabbilit f'konformità mal-Artikolu 107(1) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014.

ANNESS II

DEJTA DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-OPERAZZJONI

Kodiċi tal-miżura	Miżuri fir-Regolament (UE) Nru 508/2014	Dejta dwar l-implimentazzjoni tal-operazzjoni
Kapitolu I: Żvilupp sostenibbli tas-sajd		
I.1	L-Artikolu 26 u l-Artikolu 44(3) Innovazzjoni	— Indikazzjoni dwar jekk l-operazzjoni tirrigwardax is-sajd fil-baħar jew is-sajd f'ilmijiet interni jew it-tnejn — Tip ta' innovazzjoni: Prodotti u tagħmir; proċess u tekniki; ġestjoni u sistema ta' organizzazzjoni — Għadd ta' nies li jgawdu mit-tħaddim direttament f'kumpaniji appoġġati
I.2	L-Artikolu 27 u l-Artikolu 44(3) Servizzi ta' konsulenza	— Indikazzjoni dwar jekk l-operazzjoni tirrigwardax is-sajd fil-baħar jew is-sajd f'ilmijiet interni jew it-tnejn — Tip ta' servizz ta' konsulenza: l-istudji dwar il-fattibbiltà u s-servizzi ta' konsulenza; parir professjonali; strateġiji ta' negozju
I.3	L-Artikolu 28 u l-Artikolu 44(3) Shubiji bejn xjenzati u sajjieda	— Indikazzjoni dwar jekk l-operazzjoni tirrigwardax is-sajd fil-baħar jew is-sajd f'ilmijiet interni jew it-tnejn — Tip ta' attivitajiet: netwerks; ftehim ta' shubija jew ta' assoċjazzjoni; ġbir u ġestjoni tad-data (dejta); studji; proġetti pilota; disseminazzjoni; seminars; l-aqwa prattiki — Għadd ta' xjentisti involuti fis-shubija — Għadd ta' sajjieda involuti fis-shubija — Għadd ta' korpi oħra involuti fl-operazzjoni
I.4	L-Artikoli 29(1) u (2) u l-Artikolu 44(1)(a) Il-promozzjoni tal-kapital uman, il-ħolqien tal-impjiegi u d-djalogu soċjali — taħriġ, netwerking, djalogu soċjali, appoġġ għal konjuġi u shab	— Indikazzjoni dwar jekk l-operazzjoni tirrigwardax is-sajd fil-baħar jew is-sajd f'ilmijiet interni jew it-tnejn — Tip ta' attivitajiet: taħriġ u tagħlim; netwerking; djalogu soċjali; — Għadd ta' konjuġi u shab li jibbenefikaw mill-operazzjoni — Għadd ta' nies jew organizzazzjonijiet li jibbenefikaw mill-operazzjoni (il-parteċipanti fit-taħriġ, membri ta' netwerks, organizzazzjonijiet involuti f'azzjonijiet ta' djalogu soċjali)
I.5	L-Artikolu 29(3) u l-Artikolu 44(1)(a) Il-promozzjoni tal-kapital uman, il-ħolqien tal-impjiegi u d-djalogu soċjali — apprendisti abbord l-SSCF	— Indikazzjoni dwar jekk l-operazzjoni tirrigwardax is-sajd fil-baħar jew is-sajd f'ilmijiet interni jew it-tnejn — Tip ta' attivitajiet: taħriġ u tagħlim — Għadd ta' apprendisti li jibbenefikaw mill-operazzjoni
I.6	L-Artikolu 30 u l-Artikolu 44(4) Diversifikazzjoni u forom ġodda ta' dħul	— Indikazzjoni dwar jekk l-operazzjoni tirrigwardax is-sajd fil-baħar jew is-sajd f'ilmijiet interni jew it-tnejn — Tip ta' diversifikazzjoni: investimenti abbord; turiżmu tas-sajd bil-qasba; restoranti; servizzi ambjentali; attivitajiet edukattivi — għadd ta' sajjieda kkonċernati

Kodiċi tal-miżura	Miżuri fir-Regolament (UE) Nru 508/2014	Dejta dwar l-implimentazzjoni tal-operazzjoni
I.7	L-Artikolu 31 u l-Artikolu 44(2) Appoġġ għall-bidu (start-up) għal sajjieda żgħażagħ	— Indikazzjoni dwar jekk l-operazzjoni tirrigwardax is-sajd fil-baħar jew is-sajd f'ilmijiet interni jew it-tnejn — Età ta' sajjieda żagħżagħ li jibbenefikaw mill-operazzjoni
I.8	L-Artikolu 32 u l-Artikolu 44(1)(b) Saħħa u sikurezza	— Indikazzjoni dwar jekk l-operazzjoni tirrigwardax is-sajd fil-baħar jew is-sajd f'ilmijiet interni jew it-tnejn — Tip ta' tagħmir ikkonċernat: investiment abbord; tagħmir individwali — Għadd ta' sajjieda kkonċernati mill-operazzjoni
I.9	L-Artikolu 33 Waqfien temporanju mill-attivitajiet tas-sajd	— Għadd ta' sajjieda kkonċernati — Għadd ta' jiem koperti
I.10	L-Artikolu 34 Waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd	— Għadd ta' sajjieda kkonċernati
I.11	L-Artikolu 35 Fond reċiproku għal avvenimenti klimatiċi negattivi u inċidenti ambjentali — Ħolqien tal-Fond	— Isem il-fond reċiproku
I.12	L-Artikolu 35 Fond reċiproku għal avvenimenti klimatiċi negattivi u inċidenti ambjentali — Kumpens imħallas	— Kumpens imħallas għal: avvenimenti klimatiċi negattivi; inċidenti ambjentali: spejjeż ta' salvataġġ — Għadd ta' bastimenti kkonċernati — Għadd ta' membri tal-ekwipaġġ ikkonċernati
I.13	L-Artikolu 36 Appoġġ għas-sistemi ta' allokazzjoni ta'opportunitajiet tas-sajd	— Tip ta' attività: disinn; żvilupp; monitoraġġ; evalwazzjoni; ġestjoni — Tip ta' benefiċjarju: awtorità pubblika; persuna ġuridika jew fiżika; organizzazzjoni ta' sajjieda; organizzazzjonijiet ta' produtturi; oħra
I.14	L-Artikolu 37 Appoġġ għad-disinn u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni u ta' kooperazzjoni reġjonali	— Tip ta' attività: disinn; żvilupp u monitoraġġ; parteċipazzjoni tal-partijiet interessati; stokkjar mill-ġdid dirett — Għadd ta' stokkijiet ikkonċernati jekk rilevanti — Żona totali kkonċernata mill-proġett (f'km^2)
I.15	L-Artikolu 38 u l-Artikolu 44(1)(b) Limitazzjoni tal-impatt tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar u l-adattament tas-sajd għall-protezzjoni tal-ispeċijiet	— Indikazzjoni dwar jekk l-operazzjoni tirrigwardax is-sajd fil-baħar jew is-sajd f'ilmijiet interni jew it-tnejn — Tip ta' investiment: selettività tal-irkaptu; jitnaqqas ir-rimi jew jiġu ttrattati l-qabdiet mhux mixtieqa; jiġu eliminati l-impatti fuq l-ekosistemi u fuq qiegħ il-baħar; jiġu protetti l-irkaptu u l-qabdiet minn mammiferi u għasafar; mezz ta' ġbir tal-ħut fir-reġjuni ultraperiferiċi — Għadd ta' sajjieda li jibbenefikaw mill-operazzjoni

Kodiċi tal-miżura	Miżuri fir-Regolament (UE) Nru 508/2014	Dejta dwar l-implimentazzjoni tal-operazzjoni
I.16	L-Artikolu 39 u l-Artikolu 44(1)(b) Innovazzjoni marbuta mal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar	— Indikazzjoni dwar jekk l-operazzjoni tirrigwardax is-sajd fil-baħar jew is-sajd f'ilmijiet interni jew it-tnejn — Tip ta' operazzjoni: jiġi żviluppat għarfien tekniku u organizzattiv ġdid biex jitnaqqsu l-impatti; jiġi introdott għarfien tekniku jew organizzattiv ġdid li jnaqqas l-impatti; jiġi żviluppat għarfien tekniku jew organizzattiv ġdid li jikseb użu sostenibbli; jiġi introdott għarfien tekniku jew organizzattiv ġdid li jikseb użu sostenibbli; — Għadd ta' apprendisti li jibbenefikaw mill-operazzjoni
I.17	L-Artikolu 40(1).(a) Protezzjoni u rkupru tal-bijodiversità tal-baħar —	— Għadd ta' apprendisti li jibbenefikaw mill-operazzjoni
I.18	L-Artikolu 40(1).(b) sa (g) u (i) u l-Artikolu 44(6) Il-Protezzjoni u rkupru tal-bijodiversità tal-baħar — il-kontribut għal ġestjoni jew konservazzjoni aħjar, il-kostruzzjoni, l-installazzjoni jew il-modernizzazzjoni ta' faċilitajiet statiċi jew mobbli, it-tħejjija ta' pjanijiet ta' protezzjoni u ta' ġestjoni marbutin mas-siti NATURA 2000 u żoni ta' spazji protetti, il-ġestjoni, l-irkupru u l-monitoraġġ ta' żoni marittimi protetti, inkluż ta' siti NATURA 2000, l-għarfien ambjentali, il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet oħra mmirati lejn iż-żamma u t-titjib tas-servizzi tal-bijodiversità u tal-ekosistemi	— Indikazzjoni dwar jekk l-operazzjoni tirrigwardax is-sajd fil-baħar jew is-sajd f'ilmijiet interni jew it-tnejn — Tip ta' operazzjoni: investiment f'faċilitajiet; ġestjoni tar-riżorsi; pjanijiet ta' ġestjoni għal NATURA 2000 u SPA; ġestjoni ta' NATURA 2000; ġestjoni tal-MPAs; żieda fl-għarfien; azzjonijiet oħra li jtejbu l-bijodiversità — Żona totali kkonċernata minn Natura 2000 (f'km^2) — Żona totali kkonċernata minn MPA (f'km^2) — għadd ta' sajjieda kkonċernati
I.19	L-Artikolu 40(1)(h) Protezzjoni u rkupru tal-bijodiversità tal-baħar — skemi għall-kumpens għal ħsara li ssir lill-qabdiet ikkawżata minn mammiferi u għasafar	— Għadd ta' apprendisti li jibbenefikaw mill-operazzjoni
I.20	L-Artikoli 41(1)(a),(b) u (c) u 44(1)(d) Effiċjenza enerġetika u mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima — Investimenti abbord, awditi u skemi ta' effiċjenza enerġetika, studji	— Indikazzjoni dwar jekk l-operazzjoni tirrigwardax is-sajd fil-baħar jew is-sajd f'ilmijiet interni jew it-tnejn — Tip ta' operazzjoni: tagħmir abbord; rkaptu tas-sajd; effiċjenza enerġetika; studji — Għadd ta' sajjieda li jibbenefikaw mill-operazzjoni — % tnaqqis fil-konsum tal-fjuwil — % tnaqqis fl-emissjonijiet tad-CO_2 jekk rilevanti

Kodiċi tal-miżura	Miżuri fir-Regolament (UE) Nru 508/2014	Dejta dwar l-implimentazzjoni tal-operazzjoni
I.21	L-Artikolu 41(2) u l-Artikolu 44(1)(d) Effiċjenza enerġetika u mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima — Sostituzzjoni jew modernizzazzjoni tal-magni	— Indikazzjoni dwar jekk l-operazzjoni tirrigwardax is-sajd fil-baħar jew is-sajd f'ilmijiet interni jew it-tnejn — Tip ta' operazzjoni: sostituzzjoni; modernizzazzjoni — kW qabel l-intervent (iċċertifikata jew spezzjonata fiżikament) — kW wara l-intervent (iċċertifikata jew spezzjonata fiżikament) — Għadd ta' apprendisti li jibbenefikaw mill-operazzjoni — % tnaqqis fil-konsum tal-fjuwil — % tnaqqis fl-emissjonijiet tad-CO_2 jekk rilevanti
1.22	L-Artikolu 42 u l-Artikolu 44(1)(e) Il-valur miżjud, il-kwalità tal-prodotti u l-użu ta' qabdiet mhux mixtieqa	— Indikazzjoni dwar jekk l-operazzjoni tirrigwardax is-sajd fil-baħar jew is-sajd f'ilmijiet interni jew it-tnejn — Tip ta' operazzjoni: investimenti li jżidu l-valur tal-prodotti; investimenti abbord li jtejbu l-kwalità tal-prodotti tas-sajd — Għadd ta' sajjieda li jibbenefikaw mill-operazzjoni
1.23	L-Artikoli 43(1) u (3) u l-Artikolu 44(1)(f) Portijiet tas-sajd, siti ta' żbark, swali tal-irkant u postijiet ta' kenn — investimenti fit-titjib tal-infrastruttura tal-portijiet tas-sajd u tas-swali tal-irkant jew siti ta' żbark u postijiet ta' kenn; investimenti sabiex tittejjeb is-sikurezza tas-sajjieda	— Indikazzjoni dwar jekk l-operazzjoni tirrigwardax is-sajd fil-baħar jew is-sajd f'ilmijiet interni jew it-tnejn — Kategorija ta' investiment: Portijiet tas-sajd; siti ta' żbark; swali tal-irkant; postijiet ta' kenn — Tip ta' investiment: kwalità; kontroll u traċċabbiltà; effiċjenza enerġetika; protezzjoni ambjentali; kondizzjonijiet tax-xogħol u tas-sikurezza — Għadd ta' sajjieda li jibbenefikaw mill-operazzjoni — Għadd ta' utenti oħrajn tal-port jew ħaddiema oħra li jibbenefikaw mill-operazzjoni
I.24	L-Artikolu 43(2) Portijiet tas-sajd, siti ta' żbark, swali tal-irkant u postijiet ta' kenn — investimenti biex tiġi faċilitata l-konformità mal-obbligu ta' żbark tal-qabdiet kollha	— Kategorija ta' investiment: Portijiet tas-sajd; siti ta' żbark; swali tal-irkant; postijiet ta' kenn — Għadd ta' apprendisti li jibbenefikaw mill-operazzjoni

Kapitolu II: Żvilupp sostenibbli tal-akkwakultura

II.1	L-Artikolu 47 Innovazzjoni	— Tip ta' innovazzjoni: żvilupp ta' għarfien; l-introduzzjoni ta' speċijiet ġodda; studji dwar il-fattibbiltà — Tip ta' korp tar-riċerka involut: privat, pubbliku — Għadd ta' impjegati li jibbenefikaw mill-operazzjoni direttament fl-intrapriżi appoġġati
II.2	L-Artikolu 48(1)(a) sa (d) u (f) sa (h) Investimenti produttivi fl-akkwakultura	— Tip ta' investiment: produttiv; diversifikazzjoni; modernizzazzjoni; saħħa tal-annimali; kwalità tal-prodotti; rkupru; attivitajiet komplementari — Għadd ta' impjegati li jibbenefikaw mill-operazzjoni

Kodiċi tal-miżura	Miżuri fir-Regolament (UE) Nru 508/2014	Dejta dwar l-implimentazzjoni tal-operazzjoni
II.3	L-Artikolu 48(1)(e), (i) u (j) Investimenti produttivi fl-akkwakultura — l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, it-tnaqqis fl-użu tal-ilma u l-kimiċi, sistemi ta' riċirkolazzjoni sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun l-użu tal-ilma	— Tip ta' investiment: ambjentali u riżorsi; l-użu u l-kwalità tal-ilma; sistemi magħluqa
II.4	L-Artikolu 48(1)(k) Investimenti produttivi fl-akkwakultura — żieda fl-effiċjenza enerġetika, enerġija rinnovabbli	— Tip ta' investiment: effiċjenza enerġetika; enerġija rinnovabbli
II.5	L-Artikolu 49 Servizzi ta' ġestjoni, għajnuna u konsulenza għal farms fis-settur tal-akkwakultura	— Tip ta' operazzjoni: l-istabbiliment ta' servizzi ta' ġestjoni; servizzi ta' għajnuna u ta' konsulenza; ix-xiri ta' servizzi ta' konsulenza għall-farms — Tip ta' servizz ta' konsulenza jekk rilevanti: konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali; stima tal-impatt ambjentali; konformità mal-leġiżlazzjonijiet dwar it-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa u s-sikurezza, u dwar is-saħħa pubblika; strateġiji ta' kummerċjalizzazzjoni u negozju — Għadd ta' impjegati li jibbenefikaw mill-operazzjoni
II.6	L-Artikolu 50 Promozzjoni tal-kapital uman u netwerking	— Tip ta' attività: taħriġ professjonali; tagħlim tul il-ħajja; disseminazzjoni; ħiliet professjonali ġodda; titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol u promozzjoni tas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol; netwerking u skambju ta' esperjenzi. — Għadd ta' impjegati li jibbenefikaw mill-operazzjoni — Għadd ta' konjuġi u sħab li jibbenefikaw mill-operazzjoni
II.7	L-Artikolu 51 Potenzjal akbar għas-siti tal-akkwakultura	— Tip ta' operazzjoni: l-identifikazzjoni ta' żoni; titjib ta' faċilitajiet u infrastrutturi ta' appoġġ; prevenzjoni ta' dannu serju; azzjonijiet wara l-kxif ta' mwiet jew mard. — Għadd ta' impjegati li jibbenefikaw mill-operazzjoni
II.8	L-Artikolu 52 Inħeġġu akkwakulturisti ġodda li jipprattikaw akkwakultura sostenibbli	— Żona totali kkonċernata (f'km²) — Għadd ta' impjegati li jibbenefikaw mill-operazzjoni
II.9	L-Artikolu 53 Konverżjoni għal skemi tal-immaniġġjar u l-awditjar tal-ambjent u l-akkwakultura organika	— Tip ta' operazzjoni: konverżjoni għal akkwakultura organika; parteċipazzjoni fl-EMAS — Għadd ta' impjegati li jibbenefikaw mill-operazzjoni — Żona totali kkonċernata (f'km²)
II.10	L-Artikolu 54 Akkwakultura li tipprovdi servizzi ambjentali	— Tip ta' operazzjoni: akkwakultura f'Natura 2000; il-konservazzjoni *ex situ* u r-riproduzzjoni; operazzjonijiet fis-settur tal-akkwakultura inkluż il-konservazzjoni u t-titjib tal-ambjent u tal-bijodiversità. — Għadd ta' impjegati li jibbenefikaw mill-operazzjoni — Żona totali kkonċernata minn Natura 2000 (f'km²) — Żona totali kkonċernata barra min-Natura 2000 (f'km²)

Kodiċi tal-miżura	Miżuri fir-Regolament (UE) Nru 508/2014	Dejta dwar l-implimentazzjoni tal-operazzjoni
II.11	L-Artikolu 55 Miżuri tas-saħħa pubblika	— Għadd ta' impjegati li jibbenefikaw mill-operazzjoni
II.12	L-Artikolu 56 Miżuri għas-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali	— Tip ta' operazzjoni: il-kontroll u l-qerda tal-mard; l-aqwa prattiki u kodiċijiet ta' mġiba; tnaqqis tad-dipendenza fuq mediċini veterinarji; studji farmaċewtiċi jew veterinarji u prattiki tajbin; gruppi għall-protezzjoni tas-saħħa; kumpens lill-bdiewa tal-molluski. — Għadd ta' impjegati li jibbenefikaw mill-operazzjoni
II.13	L-Artikolu 57 Assigurazzjoni tal-istokkijiet fis-settur tal-akkwakultura	— Għadd ta' impjegati li jibbenefikaw mill-operazzjoni
Kapitolu III: Żvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd u tal-akkwakultura		
III.1	Artikolu 62(1)(a) Appoġġ mill-FEMS għal żvilupp lokali mmexxi mill-komunità — appoġġ preparatorju	— Tip ta' benefiċjarju: korp pubbliku; NGO; korp kollettiv ieħor; individwu privat
III.2	L-Artikolu 63 Implimentazzjoni ta' strateġiji għall-iżvilupp lokali — għażla ta' FLAGs [1]	— Popolazzjoni totali koperta minn FLAG (f'unitajiet) — Għadd ta' sħab pubbliċi fi FLAG — Għadd ta' sħab privati fi FLAG — Għadd ta' sħab tas-soċjetà ċivili fi FLAG — Għadd ta' FTE impjegati minn FLAG għall-amministrazzjoni — Għadd ta' FTE impjegati minn FLAG għall-animazzjoni
III.3	L-Artikolu 63 Implimentazzjoni ta' strateġiji għall-iżvilupp lokali mmexxija mill-komunità — proġetti appoġġati minn FLAGs (inkluż spejjeż operazzjonali u animazzjoni)	— Tip ta' operazzjoni: valur miżjud; diversifikazzjoni; ambjent; soċjokulturali; governanza; spejjeż operazzjonali u animazzjoni
III.4	L-Artikolu 64 Attivitajiet ta' kooperazzjoni	— Tip ta' operazzjoni: appoġġ preparatorju; proġetti fl-istess SM; proġetti ma' SM oħra; proġetti ma' sħab barra mill-UE — Nru ta' sħab jekk rilevanti
Kapitolu IV: Miżuri relatati mal-kummerċjalizzazzjoni u l-ipproċessar		
IV.1	L-Artikolu 66 Pjani dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni	— Għadd ta' membri ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi involuti
IV.2	L-Artikolu 67 Appoġġ għall-ħażna	— Għadd ta' membri ta' Organizzazzjonijiet tal-Produtturi li jibbenefikaw mill-operazzjoni

Kodiċi tal-miżura	Miżuri fir-Regolament (UE) Nru 508/2014	Dejta dwar l-implimentazzjoni tal-operazzjoni
IV.3	L-Artikolu 68 Miżuri ta' kummerċjalizzazzjoni	— Tip ta' operazzjoni: joħoloq organizzazzjonijiet tal-produtturi, assoċjazzjonijiet jew organizzazzjonijiet bejn il-fergħat (organizzazzjonijiet interprofessjonali); isibu swieq ġodda u jteju l-kondizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq; jippromwovu l-kwalità u l-valur miżjud; trasparenza tal-produzzjoni; traċċabbiltà u ekotikketti; kuntratti standard; kampanji ta' komunikazzjoni u promozzjonali. — Għal proġetti bil-għan li jsibu swieq ġodda u jtejbu l-kondizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq: speċijiet li għandhom il-potenzjal li jiġu kkumerċjalizzati; qabdiet mhux mixtieqa; prodotti b'impatt baxx jew prodotti organiċi. — Għal proġetti bil-għan li jippromwovu l-kwalità u l-valur miżjud: skemi ta' kwalità; iċ-ċertifikazzjoni u l-promozzjoni ta' prodotti sostenibbli; il-kummerċjalizzazzjoni diretta; l-ippakkjar. — Għadd ta' impriżi li jibbenefikaw mill-operazzjoni — Għadd ta' membri ta' Organizzazzjonijiet tal-Produtturi li jibbenefikaw mill-operazzjoni
IV.4	L-Artikolu 69 Proċessar ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura	— Tip ta' investiment: iffrankar tal-enerġija jew tnaqqis tal-impatt fuq l-ambjent; li jteju s-sikurezza, l-iġjene, is-saħħa u l-kondizzjonijiet tax-xogħol; l-ipproċessar ta' qabdiet mhux għall-konsum mill-bniedem; l-ipproċessar ta' prodotti sekondarji; l-ipproċessar ta' prodotti tal-akkwakultura organika; prodotti ġodda jew imtejba, proċessi ġodda jew imtejba jew sistemi ġodda jew imtejba ta' ġestjoni. — Għadd ta' sajjieda kkonċernati — Għadd ta' impjegati li jibbenefikaw mill-operazzjoni
Kapitolu V: Kumpens għall-ispejjeż addizzjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi għal prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura		
V.1	L-Artikolu 70 Reġim ta' kumpens	— Spejjeż addizzjonali kkumpensati — Għadd ta' impriżi li jibbenefikaw mill-operazzjoni — Għadd ta' impjegati li jibbenefikaw mill-operazzjoni
Kapitolu VI: Miżuri ta' akkumpanjament għall-PKS taħt ġestjoni konġunta		
VI.1	L-Artikolu 76 Kontroll u infurzar	— tip ta' operazzjoni: ix-xiri, l-installazzjoni u l-iżvilupp tat-teknoloġija; l-iżvilupp, ix-xiri u l-installazzjoni tal-komponenti biex jiżguraw it-trasmissjoni tad-data; l-iżvilupp, ix-xiri u l-installazzjoni tal-komponenti li huma meħtieġa biex jiżguraw it-traċċabbiltà; l-implimentazzjoni tal-programmi għall-iskambju u l-analiżi tad-data; l-immodernizzar u x-xiri ta' bastimenti, inġenji tal-ajru u ħelikopters ta' sorveljanza; ix-xiri ta' mezzi ta' kontroll oħrajn; l-iżvilupp ta' sistemi innovattivi ta' kontroll u monitoraġġ u proġetti pilota; il-programmi ta' taħriġ u skambju: l-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji u valutazzjonijiet ta' awditi; seminars u għodod tal-mezzi tax-xandir; spejjeż operattivi; implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni — Tip ta' benefiċjarju: privat, pubbliku, imħallat — Għadd ta' bastimenti tas-sajd ikkonċernati jekk rilevanti
VI.2	L-Artikolu 77 Ġbir tad-data (dejta)	— Tip ta' benefiċjarju: privat, pubbliku, imħallat

Kodiċi tal-miżura	Miżuri fir-Regolament (UE) Nru 508/2014	Dejta dwar l-implimentazzjoni tal-operazzjoni
Kapitolu VII: Assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri		
VII.1	L-Artikolu 78 Assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri	— Tip ta' operazzjoni: implimentazzjoni tal-programm operattiv; sistemi tal-IT; titjib tal-kapaċità amministrattiva; attivitajiet ta' komunikazzjoni; evalwazzjoni; studji; kontroll u awditu, netwerk ta' FLAGs; oħra
Kapitolu VIII: It-trawwim tal-implimentazzjoni tal-Politika Marittima Integrata		
VIII.1	Artikolu 80(1)(a) Sorveljanza Marittima Integrata	— Tip ta' operazzjoni: jikkontribwixxu għall-IMS; jikkontribwixxu għas-CISE — Tip ta' benefiċjarju: privat, pubbliku, imħallat
VIII.2	L-Artikolu 80(1)(b) Jipproteġu l-ambjent tal-baħar u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar u kostali	— Tip ta' operazzjoni: MPA; NATURA 2000 — Superfiċje ta' MPA koperta (km^2) — Superfiċje ta' NATURA 2000 koperta (km^2) — Tip ta' benefiċjarju: privat, pubbliku, imħallat
VIII.3	L-Artikolu 80(1)(c) itejbu l-għarfien dwar il-qagħda tal-ambjent tal-baħar	— Tip ta' operazzjoni: stabbiliment ta' programmi ta' monitoraġġ; stabbiliment ta' miżuri għall-MSFD — Tip ta' benefiċjarju: privat, pubbliku, imħallat

([1]) Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta biss meta tintgħażel il-FLAG